MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2011

Numru. 1126/2010

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR SPIRIDIONE ZAMMIT**

**KONTRA**

**TONY (ANTHONY) ABELA ta' 40 sena, iben John u Anne nee' Zammit, imwieled Tal-Pieta' nhar is-07.01.1971, residenti fil-fond 46, Triq San Pietru, Qormi, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 109171M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **TONY (ANTHONY) ABELA** li gie akkuzat talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Talli fil-lejl ta' bejn it-30 ta' Ottubru, 2010 u l-31 ta' Ottubru, 2010, gewwa l-Imriehel, Hal-Qormi, ikkommetta serq ta' ghodod, harness, safety helmet, zarbun, zewg fire extinguishers, zewg kaxxi splitters, extension leads, cables u kaxxa wires minn vettura tal-ghamla Ford bin-numru tar-registrazzjoni TFA 630, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, lok, bil-valur li jeccedi €232.94 kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa, u dan sar ghad-detriment ta' Joseph Lawrence Dimech minn Ghawdex u ghall-kumpanija Melita Ltd, u/jew persuni ohra;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' fl-imsemmija vettura Ford bin-numru tar-registrazzjoni TFA 630, liema hsara ma teccedix €116.47 u teccedi €11.65, li saret ghad-detriment tal-kumpanija Melita Ltd u/jew persuni ohra;

3. U aktar talli bejn it-30 ta' Ottubru, 2010 u l-31 ta' Ottubru, 2010 f'xi hin bejn il-11.55pm u 4am, gewwa Hal-Qormi, ikkommetta serq ta' zewg batteriji, fire extinguishers, stereo tal-ghamla JVC u zewg speakers tal-ghamla pioneer minn xarabank tal-ghamla Bedford bin-numru tar-registrazzjoni FBY 722, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, lok, bil-valur li jeccedi €232.94 kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa, u dan sar ghad-detriment ta' Glenn George Zammit minn Hal-Qormi u/jew persuni ohra;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' fl-imsemmija vettura Bedford bin-numru tar-registrazzjoni FBY722, liema hsara teccedi €11.65 izda li ma teccedix €116.47, li saret ghad-dannu ta' Glenn George Zammit minn Hal-Qormi u/jew persuni ohra;

5. U aktar talli fil-lejl ta' bejn it-30 ta' Ottubru, 2010 u l-31 ta' Ottubru, 2010 gewwa l-Gudja u postijiet ohra f'dawn

il-Gzejjer, ikkommetta serq ta’ ghasafar, zewg harnesses taz-zwiemel, cineg tal-gilda u cordless drill mill-fond St Joseph Farmhouse, sitwat fi Triq Hal-Tarxien, Gudja, liema serq hu kkwalifikat bil-hin, mezz, lok, u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u li sar ghad-detriment ta’ Joseph Gatt;

6. U aktar talli fil-lejl ta’ bejn id-29 ta’ Ottubru, 2010 gewwa Marsascala, u f’dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta’ landi taz-zebgha mill-fond bl-isem Villa Pantieles, sitwata fi Triq il-Qaliet, Marsascala, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, mezz, lok u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.38) u li sar ghad-detriment ta’ Francis Spiteri minn Marsascala;

7. U aktar talli fil-lejl ta’ bejn it-23 ta’ Ottubru, 2010 u l-24 ta’ Ottubru, 2010 gewwa l-Marsa u diversi postijiet f’dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta’ speakers tal-ghamla Pioneer, stereo u USB minn vettura tal-ghamla Mercedes Benz bin-numru tar-registrazzjoni ABQ 209, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, lok, bil-valur li jeccedi €232.94 kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa, u dan sar ghad-detriment ta’ Francis Farrugia minn Hal-Qormi;

8. U aktar talli fl-istess cirkostanzi kkommetta serq ta’ vettura tal-ghamla Mercedes Benz bin-numru tar-registrazzjoni ABQ 209, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok, hin u bil-valur li jeccedi €2,329.37, kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa, u dan sar ghad-detriment ta’ Francis Farrugia minn Hal-Qormi;

9. U aktar talli fil-lejl ta’ bejn it-30 ta’ Ottubru, 2010 u l-31 ta’ Ottubru, 2010 gewwa l-Imriehel u Hal-Qormi, ikkometta serq ta’ pompa tal-ilma mill-fond li qed jinbena sitwat fi Triq is-Sebh, Hal-Qormi, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, mezz, lok, u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u li sar ghad-detriment ta’ Paul Grech minn San Pawl il-Bahar;

10. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni ta' hila fl-arti jew professjoni jew ukoll b'nuqqas ta' tharis tar-Regolamenti tat-Traffiku, ikkaguna hsara fuq vettura tal-ghamla Mercedes Benz bin-numru tar-registrazzjoni ABQ 209 ghad-detriment ta' Francis Farrugia minn Hal-Qormi.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali li tahthom hemm mahsub li tita' tinstab htija u cioe':
1. Fl-Artikoli 20, 261, 263, 267, 269, 270, 271, 278, 279, u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-Artikoli 20, 261, 263, 267, 269, 270, 271, 278, 279 u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-Artikoli 20, 261, 263, 267, 269, 270, 278, 279, u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-Artikoli 20, 261, 263, 267, 269, 270, 278, 279, u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Fl-Artikoli 20, 261, 263, 267, 269, 270, 271, 278, 279, u 280 tal-Kapitolu 9 talk-Ligijiet ta' Malta;
8. Fl-Artikoli 20, 261, 263, 267, 269, 270, 271, 278, 279, u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
9. Fl-Artikoli 20, 261, 263, 267, 269, 270, 278, 278, 279 u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
10. Fl-Artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
11. Fl-Artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 289 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li moqrija l-istess Artikoli, l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji.

Rat ukoll illi l-imputat irregistra ammissjoni li huwa baqa' jsostni moghti zmien jahseb fuq l-istess.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi ghandu jinghad illi l-imputat kien diga’ rregistra ammissjoni fl-istadju tal-kumpilazzjoni.

Rat ukoll li gie redatt Pre-Sentencing Report in vista’ ta’ l-ammissjoni. Rat ukoll ir-rakkomandazzjonijiet ta’ l-istess ufficjal tal-Probation a folio 16 ta’ l-istess Pre-Sentencing Report.

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk din il-Qorti qieghda ssib htija wara li rat l-Artikoli 20, 261, 263. 267, 269, 270, 271, 278, 279, 280, 325, 328, 17, 18, 31, 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in kwantu ghall-piena anke l-fedina penali ta’ Tony Abela, rat illi Abela nghata diversi opportunitajiet biex jirriforma ruhu – kollu ghal xejn, ghalhekk tqis illi fil-fatt ghandha taddotta r-rakkomandazzjoni tal-ufficjal tal-Probation – konsegwentement qieghda tikkundannah ghal piena karcerarja effettiva ta’ sentejn(2), b’dan illi huwa ghandu jinghata kull possibbilta’ illi jaghmel il-kuntatt opportun ma’ l-agenziji appoziti biex jibda programm kontra l-abbuz tad-droga.

Rat illi ebda spejjez peritali ma gew inkorsi, ghalhekk ma hemmx applikazzjoni ta’ l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------